**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 124/01***

***Pulizija***
***Sp.Josric Mifsud***
***v***
***Mark Mizzi***

Illum 8 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Mark Mizzi huma bazati fuq ir-reati ta' **Pussess Illegali** tad-droga erojina aggravat bl-intenzjoni, kif ukoll **Traffikar** tal-istess droga; u Pussess Illegali (semplici) tar-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis – *rifferibbilment ghad-data tal-5 ta' Marzu 2001 u l' erba xhur ta' qabel.*

***Kwadru tal-fatti***

Illi minn tficcija li l-pulizija ghamlet fil-5 ta' Marzu fir-residenza tal-imputat instabu diversi roaches kontenenti raza tal-cannabis. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li dawk ir-roaches kienu tieghu, u qal li huwa ghandu l-vizzju li jpejjep il-haxixa. Fuq domandi ulterjuri tal-ufficjal investigattiv, l-imputat stqarr li huwa kien ghamel perijodu ta' xaharejn ibigh l-eroina, izda kien waqaf minn rajh ghax, fi kliemu *"Ghax iddejjaqt inbighha din id-droga ghax kienet xi haga hazina u rrealizzajt mill-izbalji tieghi. Nghid ukoll li jien kont bdejt inbigh id-droga ghax ma kelli finanzi ta' xejn, u kont iddisprat ... nixtieq nghid li mhux veru li mid-droga iggib il-kuntentezza. Nghid li mill-flus tad-droga tghamel hajtek rad, dwejjaq kbar, u tkisser familji shah."(dok.AG. fol.9)*

Illi mill-istess stqarrija rrizulta li ghalkemm l-imputat Traffikar id-droga ghal perijodu ta' xaharejn, il-grad ta' traffikar ma kienx wiehed gholi.

Illi fl-udjenza tat-30 ta' Lulju 2001 l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi in vista tal-ammissjoni da parti tal-imputat fl-udjenza fuq indikatat, l-akkuzi odjerni ghandhom jitqiesu bhala li gew sodisfacentement provati.

***<u>Piena</u>***

Illi in propositu ghall-piena l-Qorti tikkonsidera s-segwenti fatturi bhala mitiganti:

1. Il-**fedina penali** netta tal-imputat;

2. **Il-kooperazzjoni shiha tieghu mal-pulizija**. Di fatti l-unika prova li hemm dwar l-akkuza tat-Traffikar hija l-ammissjoni tieghu fl-istqarrija u li giet kkonfermata minnu sussegwentement quddiem din il-Qorti.

3. **L-informazzjoni li huwa ta lill-pulizija** u li konsegwenza taghha l-ufficjal prosekutur ddikjara fl-atti odjerni li l-imputat ghandu jibbenefika minn diminizzjoni fil-piena kif hemm provdut fl-Artikolu 29 tal-Kap.101.

4. **Il-**fatt li t-Traffikar fil-perijodu ammess, kien fuq **skala zghira**.

5. **L-ammissjoni fi stadju inizjali** tal-proceduri gudizzjarji;

6. **Ir-rapport favorevoli tal-ufficjal tal-probation** Victoria Grech;

7. Il-fatt li l-imputat **<u>waqaf minn rajh</u>** milli jkompli jbigh ghax irrealizza u **hass** li kien qed jghamel hazin.

***<u>Decide</u>***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u wara li rat l-Art.17 tal-Kap.9 u r-regolament 8 tal-GN 292/39, u l-Artikolu 22(2)(B)(I) tal-Kap.101, tikkundannah ghal ***piena ta' prigunerija ghal zmien xahar, u multa ta' mitejn lira*** (LM200) maltin pagabbli f' rati mensili ta' mhux anqas minn ghoxrin lira maltin, bid-dekadenza mill-beneficju tat-termini fil-kaz li l-imputat jonqos minn pagament wiehed.

Inoltre tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

In fine tawtorizza lill-imputat jirriprendi il-pusses tad-dokument JM, stante li ma rrizultat ebda prova li dan il-mobile phone kien intuza mill-imputat fl-attivita' kriminuza tieghu.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***